  

Manwal dwar kif persuna

# TAPPLIKA GĦAL-LIĊENZJA BIEX TOPERA STUDJO TAT-TATTOO SEMI-PERMANENTI

## INFORMAZZJONI BAŻIKA

Verżjoni 01
Ottubru 2019

Manwal dwar kif persuna

# TAPPLIKA GĦAL-LIĊENZJA BIEX TOPERA STUDJO TAT-TATTOO SEMI-PERMANENTI

## INFORMAZZJONI BAŻIKA

Peress li l-proċess ta' kif wieħed japplika għal-liċenzja minn żmien għal żmien jista' jinbidel, se jkun hemm aġġornamenti regolari ta' dan il-manwal, li l-għan tiegħu hu li jipprovdi aktar aċċess għall-informazzjoni onlajn.

Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa
Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika
Sptar San Luqa OPD Livell 1
Pjazza San Luqa
Gwardamangia PTA 1010

# Werrej


Introduzzjoni 1

Informazzjoni ġenerali 2

Kif wieħed japplika għal-liċenzja 4

Proċess tal- liċenzjar 6

The semi -permanent tattoo studio 7

The work station 8

Lavatory facilities 9

Semi -permanent tattoo instruments 10

The semi -permanent tattoo artist 11

Aftercare 12

Additional guidelines 13

# 1. Introduzzjoni

L-ispettorat fi ħdan id-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa jissorvelja, jispezzjona u jirregola s-servizzi biex jiżgura li studjos tat-tattoo semi-permanenti joperaw bi standards fundamentali ta' kwalità u sigurtà. L-ismijiet ta' dawn l-istudjos tat-tattoo semi-permanenti huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku *https://deputyprimeminister.gov.mt/en/hcs/Pages/health-care-standards.aspx* sabiex il-pubbliku jkun konxju liema stabbilimenti huma liċenzjati u għalhekk għandhom proċeduri msaħħa ta' sigurtà lejn il -pazjent.

Id-Direttorat ipoġġi s-saħħa tal-pubbliku fiċ-ċentru tax-xogħol tiegħu u jistinka biex ikun rigoruż, ġust u konsistenti. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi informazzjoni bażika lil kull persuna li tixtieq tapplika għal liċenzja biex topera studjo tat-tattoo semi-permanenti.

## 2. Informazzjoni ġenerali

a. F'Malta, is-servizz tat-tattoo semi-permanenti hu rregolat permezz tal-*Att dwar il-Kontroll tat-Tattoo (Kapitolu 270)*;

b. Tattoo semi-permanenti għandha ssir **BISS** minn persuni liċenzjati biex jagħmlu dan;

c. Hu illegali li persuna jkollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi strument jew xi oġġetti oħra użati għall-iskop li wieħed jagħmel tattoo semi-permanenti, sakemm dik il-persuna ma jkollhiex liċenzja valida;

d. Studjo tat-tattoo semi-permanenti għandu jkollu l-liċenzja valida mwaħħla f'post fejn tkun tista' tiġi osservata mill-pubbliku malli jidħol fil-kamra ta' stennija;

e. L-uffiċċju għall-għoti ta' liċenzji għal studjos tat-tattoo semi-permanenti jinsab fi ħdan id-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa fid-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa;

f. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mis-7 ta' fil-għodu sat-2:45 ta' fil-għaxija mit-Tnejn sal-Ġimgħa;

## ID-DETTALJI TAL-PERSUNI LI MTISTA' TIKKUNTATTJA HUMA KIF ĠEJ:

**Is-Sra Simone Schembri**
**Tel:** 25953330 | **imejl:** *simone.c.schembri@gov.mt*
(Appuntamenti għall-ispezzjonijiet, ħlasijiet u ġbir ta' liċenzji)

**Is-Sra Silvana Attard**
**Tel:** 25953324 | **imejl:** *silvana.attard@gov.mt*
(Ħlas ta' liċenzji)

**Is-Sur Mark Tonna**
**Tel:** 25953343 | **imejl:** *mark.tonna@gov.mt*
(Proċedura għall-applikazzjoni/dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni)

**g.** It-tattoo semi-permanenti għandha issir **BISS** minn persuni li għandhom liċenzja li joffru servizz tat-tattoo semi-permanenti;

## 3. Kif wieħed japplika għal-liċenzja

**a.** Persuna interessata li tipprovdi servizz tat-tattoo semi-permanenti, trid tapplika għal-liċenzja skont kif hemm stipulat fl-*Att dwar il-Kontroll tat-Tattoo (Kapitolu 270)*;

**b.** Applikanti ġodda jrid ikollhom tal-inqas tmintax (18)-il sena;

**c.** Wieħed jista' japplika għal-liċenzja billi jimla *formola tal-applikazzjoni* fl-uffiċċju tad-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa jew permezz tal-applikazzjoni onlajn li tinsab fuq s-sit *https://hcstandardsregistration.gov.mt/*

**d.** Id-dokumenti meħtieġa biex wieħed japplika għal studjo tat-tattoo semi-permanenti huma:

- *Formola tal-applikazzjoni* mimlija;
- Ċertifikat ta' kompetenza fir-rigward tat-tattoo semi-permanenti b'enfasi speċjali għall- għarfien dwar *il-prattiċi siguri ta' kontroll ta' infezzjoni* u li hu konformi mar-rekwiżiti maħruġa mid-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa. Kull studjo għandu jkollu permess kif ukoll pjanta tas-sit u skeċċ tal-pjanta **jew** dikjarazzjoni minn perit li tiċċertifika li l-post għandu permess tal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u li jista' jintuża bħala studjo tat- tatoo semi-permanenti;
- Fotokopja tal-karta tal-identità tal-applikant;
- Rekord dwar it-tilqim kontra l-epatite B u r-riżultat tat-titru Anti HBs tal-operatur;
- Jekk wieħed ikun qed japplika għan-nom ta' kumpanija, għandu jkollu kopja tal-Memorandum tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni flimkien ma' dikjarazzjoni mid-Direttur/i tal-istess kumpanija li tindika li hu maqbul li tinħareġ liċenzja f'isem l-applikant;
- Biex ċittadin li ġej minn pajjiż terz jipprattika bħala persuna kompetenti biex jipprovdi servizzi tat-tattoo semi-permanenti wieħed irid japplika għall- permess tax-xogħol mad-dipartiment ta' Jobs Plus li jista' jiġi kkuntattjat fuq in-numru tat-telefon 22201290 jew imejl: *jobsplus@gov.mt*;

e. L-applikazzjoni kompluta flimkien mad-dokumenti rilevanti jiġu ċċekjati mill-uffiċjal inkarigat biex jiġi żgurat li d-dettalji tal-applikazzjoni huma korretti;

f. F'dan l-istadju, tiġi identifikata data biex issir spezzjoni fuq il-post u l-klijent jiġi nfurmat. Tim ta'spezzjoni b'badge ta' identifikazzjoni jżuru l-post;

g. F'każ ta' stabbiliment ġdid, l-applikant jista' jitlob għal żjara qabel il-liċenzjar (rakkomandata);

h. Għaxart (10) ijiem qabel, l-applikant jirċievi *awto-evalwazzjoni* tar-rekwiżiti biex wieħed jopera studjo tat- tattoo semi-permanenti. Din l-awto-evalwazzjoni tiggwida lill-applikant dwar dak li t-tim se jistenna li jsib waqt l-ispezzjoni;

i. It-tim ta' spezzjoni jkun f'pożizzjoni li jirrakkomanda l-ħruġ ta' liċenzja jekk ikun sodisfatt li l-istandards meħtieġa ġew milħuqa. F'dan il-każ il-liċenzja tinħareġ fi żmien għaxart (10) ijiem;

j. F'każijiet fejn ikunu ġew identifikati xi defiċjenzi/nuqqasijiet, issir laqgħa mal-applikant biex jingħata parir u jiġu mfehma d-defiċjenzi li jirrikjedu attenzjoni. Din tista' tirrikjedi żjara oħra qabel ma jiġi rakommandat biex tinħareġ il-liċenzja;

k. L-istudjo tat- tattoo semi-permanenti jrid ikun konformi mal-kundizzjonijiet kollha murija fuq wara tal-liċenzja;

l. Meta l-applikazzjoni tiġi approvata u l-ħruġ ta' liċenzja jiġi rrakkomandat, il-klijent jintalab iħallas tariffa annwali ta' €12.90. Il-liċenzja tista tinġabar mid-Direttorat għall-Istandards fil -Kura tas-Saħħa, Sptar San Luqa, OPD livell 1, Misraħ San Luqa, Gwardamanġa. Wieħed jista' jagħżel li jirċievi l-liċenzja permezz tal-posta reġistrata.

# 4. Il-proċess tal-liċenzjar

Il-grafika li ġejja tiddeskrivi l-proċedura segwita mill-klijent u l-ispettorat matul il-proċess tal-liċenzjar.



## 5. Il-post użat bħala studjo tat-tattoo semi-permanenti

a. Il-post liċenzjat għandu jinżamm nadif u f'kundizzjoni tajba;

b. Studjo tat-tattoo semi-permanenti jrid jikkonsisti f'kamra ta' stennija u żona fejn isir it- tattoo semi-permanenti. Din il-parti tal-istudjo għandha tkun aċċessibbli biss mill-kamra ta' stennija. Pjanijiet għal servizzi addizzjonali għandhom **jiġu nklużi u sottomessi** mal-applikazzjoni inizjali;

c. L-istudjo jrid ikollu dawl u ventilazzjoni adegwati (naturali jew mekkaniku);

d. Il-parti fejn isiru l-proċeduri tat-tattoo semi-permanenti trid tipprovdi privatezza totali lill-klijent;

e. Il-ħitan tal-istudjo jridu jinżebgħu b'żebgħa ripellanti għall-ilma biex tkun tista' tintmesaħ faċilment;

f. Għandu jkun hemm faċilitajiet ta' tojlit adekwati;

g. Il-post għandu jkollu sistema effiċjenti tad-drenaġġ;

h. L-apparat għat-tifi tan-nar irid tal-inqas ikun jikkonsisti f'fire extinguisher b'data ta' skadenza valida.

## 6. Iż-żona fejn issir it- tattoo semi-permanenti

a. L-uċuħ fejn isir xi tattoo semi-permanenti għandhom jinżammu fi stat tajjeb, jinħaslu b'ilma sħun bis-sapun u jintmesħu b'soluzzjoni ta' sebgħin fil-mija (70%) alkoħol. Dawn l-uċuħ għandhom ikunu magħmulin minn materjal impermeabbli;

b. Għandu jkun hemm xugamani tal-karta disponibbli ħdejn kull sink;

c. Fuq il-bank għandu jkun hemm spazju biżżejjed biex ikun jista' joqgħod l-apparat kollu li jintuza waqt li jsir it- tattoo semi-permanenti;

d. Irid ikun hemm sink viċin l-istazzjon fejn isir tattoo semi-permanenti u għandu jinżamm f'kundizzjoni tajba, nadif u mqabbad mas-sistema ewlenija tad-drenaġġ. Għandu jkun hemm provvista ta' ilma kiesaħ u sħun permezz ta viti ta' l-ilma b'manku wieħed;

e. Ħdejn is-sink għandu jkun hemm provvista ta' sapun/deterġent adattat u faċilitajiet xierqa biex wieħed jixxotta jdejh;

f. Il-pultruni tal-klijenti jridu jkunu ttapizzati b'tip ta' materjal impermeabbli li jista' jitnaddaf faċilment. Jekk ikun hemm ħafna pultruni, għandu jkun hemm diviżorju fiss bejniethom għall-privatezza tal-klijenti;

g. Fil-post fejn issir it-tattoo semi-permanenti għandu jkun hemm kontenitur apposta għal-labar;

h. F'kull studjo għandu jkun hemm reċipjent li jinfetaħ b'pedala li għandu jkollu borża għar-rimi ta' skart u materjal użat.

## 7. Faċilitajiet ta' tojlits

a. Il-faċilitajiet tat-tojlits għandhom ikunu mqabbda mas-sistema ewlenija tad-drenaġġ u għandhom jinżammu nodfa u f'kundizzjoni ta' manutenzjoni tajba;

b. Għandu jkun hemm apparat għall-iflaxxjar li jaħdem sewwa;

c. Is-sink fit-tojlit għandu jkollu provvista ta' ilma kiesaħ u sħun;

d. Għandu jkun hemm faċilitajiet adegwati biex wieħed jaħsel u jixxotta jdejh;

e. Għandu jkun hemm ventilazzjoni xierqa fi ħdan il-faċilitajiet tat-tojlits (naturali jew mekkanika);

f. Il-faċilitajiet tat-tojlits għandu jkollhom dawl adegwat.

## 8. Apparat użat għat-tattoo semi-permanenti

a. Meta ma jkunux qed jintużaw, l-istrumenti sterili u lesti għall-użu, għandhom jinżammu f'kontenitur jew f'armarju nadif u magħluq. Tubi u labar tat-tattoo semi-permanenti għandhom jinżammu fil-kaxxa oriġinali tagħhom u kull informazzjoni dwar il-prodott għandha tinżamm;

b. Għal kull klijent għandhom jintużaw labar ġodda li jintużaw darba biss;

c. Irid jiġi żgurat li l-oġġetti u l-affarijiet l-oħra li jintużaw darba u jintremew, ikollhom marka tad-ditta, numru tal-lott, u data ta' skadenza. Tali informazzjoni trid tkun kemm fuq il-kaxxa ta' barra kif ukoll fuq it-tgeżwir ta' kull oġġett individwali;

d. Jekk tintuża awtoklava, irid ikun hemm awtoklava b'vakwu tat-tip B u l-effiċjenza tal-awtoklava trid tiġi ttestjata regolarment. Ir-riżultati ta' tali testijiet għandhom jiġu rrekordjati, biex jiġu evalwati waqt l-ispezzjoni li ssir mill-ispetturi tas-saħħa pubblika;

e. Kull strument li jigi mgeżwer u sterilizzat irid ikollu data ta' skadenza;

f. Labar jew oġġetti li jaqtgħu għandhom jintremew f'kontenituri apposta li huma riġidi u li ma jnixxux likwidu minnhom u għandhom jinżammu f'qagħda wieqfa. L-iskart għandu jinġabar minn kollettur approvat li għandu l-permess li jiġbor skart meqjus bħala Klassi D;

g. Kull min għandu liċenzja biex jagħmel tattoo semi-permanenti u jbigħ labar jew xi oġġetti oħra relatati ma' dan is-servizz, irid ikun konformi mar-regolamenti tal-Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ta' Malta u ma jistax ibigħ dawn l-oggetti lil min m'għandux liċenzja biex jagħmel tatoo semi-permanenti.

## 9. Il-persuna li tipprovdi servizz tat-tattoo semi-permanenti

a. Min ikollu liċenzja biex jipprovdi servizz tat-tattoo semi-permanenti, irid jattendi għas-seminars li jsiru mid-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa;

b. Il-persuna li tagħmel it- tattoo semi-permanenti jrid ikun ħieles minn kull mard infettiv;

c. Il-persuna li tkun qed tagħmel tattoo semi-permanenti, ma tistax tkun taħt l-effett tal-alkoħol u/jew tad-droga;

d. Barra minn hekk, ma jistax isir tattoo semi-permanenti fuq klijenti li jidhru li huma taħt l-effett tal-alkoħol u/jew tad-droga u għalhekk ma jkunux jistgħu jiffirmaw kunsens infurmat;

e. Importanti li jintlibsu ngwanti tal-latex li jintużaw darba biss matul il-proċedura kollha u jridu jinbidlu għal kull klijent. Wara li jintużaw, l-ingwanti għandhom jintremew. Għandu jkun hemm ukoll ingwanti tan-nitrile għal klijenti li huma allerġiċi għal-latex. L-ingwanti **m'għandhom qatt** jinħaslu u jerġgħu jintużaw;

f. Min jipprovdi servizz tat-tattoo semi-permanenti jrid jiffirma dikjarazzjoni li qara u fehem il-kundizzjonijiet tal-liċenzja biex wieħed ikun jista' jopera studjo tat- tattoo semi-permanenti.

# 10. Il-Kura meħtieġa wara li jsir xi tip tat-tattoo semi-permanenti

a. Meta l-proċedura tat-tattoo semi-permanenti tkun lesta, il-ġilda tal-klijent trid tkun trattata b'diżinfettant adattat u titgħatta kompletament b'garża sterili;

b. Kull klijent għandu jingħata informazzjoni bil-miktub dwar il- tattoo semi-permanenti. Din l-informazzjoni trid tinkludi: *il-kura neċessarja wara kull tattoo semi-permanenti*, il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' infezzjoni, struzzjonijiet ġenerali dwar il-kura, informazzjoni dwar il-proċess ta' fejqan fejn sar it-tattoo, parir meta wieħed għandu jikkonsulta tabib, sinjali u sintomi ta' reazzjoni allerġika jew ta' dewmin ta' fejqan fejn ikun sar it-tattoo. Ladarba l-pariri dwar il-kura ta' wara t-tattoo semi-permanenti jkun ġie pprovdut u spjegat, il-klijent irid jiffirma fuq il-karta tar-rekords tal-klijent.

## 11. Linji gwida addizzjonali

a. **Żamma ta' rekords:** Fl-istudjo jridu jinżammu rekords ta' kull klijent f'post sigur u jridu jkunu disponibbli matul l-ispezzjoni. L-informazzjoni trid tinkludi l-isem, l-età u n-numru tal-karta tal-identità, l-indirizz tal-klijent u d-data meta saret il-proċedura tat- tattoo semi-permanenti;

b. Barra minn hekk, irid jiġi rrekordjat is-sit li fih saret it-tattoo semi-permanenti, kif ukoll noti dwar tattoos semi-permanenti li kienu saru qabel:

c. Dawn ir-rekords iridu jkunu ffirmati u miżmuma b'kunfidenzjalità totali għal perjodu tal-inqas għaxart (10) snin; *formoli ta' reġistrazzjoni* huma pprovduti mid-Direttorat għall-Istandards fil-Kura tas-Saħħa ;

d. Il-provisti relatati mat-tattoo semi-permanenti għandhom jinxtraw mingħand fornituri rinomati u kull oġġett irid jiġi ttikkettat b'mod xieraq. Provisti bla ditta **m'għandhomx** jintużaw;

e. Il-provisti kollha jrid ikollhom data ta' skadenza li tkun tidher b'mod ċar;

f. Xi linka, kremi jew xi soluzzjonijiet oħra li jkun fadal wara li it-tattoo semi-permanenti tkun saret, **m'għandhomx** jerġgħu jitpoġġew fil-kontenitur oriġinali u **m'għandhomx** jintużaw fuq klijenti oħra.

g. Kull applikatur li jintuża biex jiġu applikati kremi jew xi soluzzjonijiet oħra, **m'għandhomx** jerġgħu jiddaħħlu fil-kontenitur oriġinali u wara li jintuzaw għandhom jintremew mill-ewwel;

h. L-istabbiliment fejn isir tattoo semi-permanenti jrid ikollu kaxxa għall-għoti tal-ewwel għajnuna;

i. Dawk kollha li jipprovdu servizz tat-tattoo semi-permanenti jridu jkunu familjari sew mal-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu fejn jidħol kuntatt mad-demm u ma' fluwidi oħra fil-ġisem;

j. Il-klijent għandu jiġi avżat li kwalunkwe krema anestetika li jkun fiha mediċinali bħal adrenalina u l-lignocaine trid tinxtara, permezz ta' riċetta ta' tabib, minn spiżerija qabel il-proċedura tat-tattoo semi-permanenti.

DIRETTORAT GĦALL-ISTANDARDS FIL-KURA TAS-SAĦĦA
SOVRINTENDENZA TAS-SAĦĦA PUBBLIKA

Sptar San Luqa OPD Livell 1
Pjazza San Luqa
Gwardamangia PTA 1010
+356 25953343 | +356 25953330
healthstandards.sph@gov.mt